

Rikors ippreżentat fil-15 ta' Novembru 2016 – Glaxo Group vs EUIPO – Celon Pharma (SALMEX)**(Kawża T-803/16)**

(2017/C 022/62)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż***Partijiet**

Rikorrenti: Glaxo Group Ltd (Brentford, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: S. Baran, S. Wickenden, Barristers, R. Jacob, E. Morris, Solicitors)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Celon Pharma S.A. (Łomianki, il-Polonja)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Proprietarju tat-trade mark kontenzjuża: il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea bil-kuluri kannella ċar/kafé u abjad li tinkludi l-element verbali “SALMEX” – Trade mark tal-Unjoni Ewropea Nru 9 849 191

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità

Deċiżjoni kkontestata: deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO, ta' 31 ta' Awwissu 2016, fil-Każ R 2108/2015-4

Talbiet

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO u lill-parti l-oħra fil-proċedimenti għall-ispejjeż.

Motiv invokat

- Il-Bord tal-Appell wettaq żball ta' liġi meta adotta deċiżjoni li tmur kontra l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009 sa fejn, fl-ewwel lok, qies b'mod żbaljat li l-użu ġenwin tat-trade mark Franċiża mill-applikant għal dikjarazzjoni ta' invalidità ma kienx forma aċċettabbli ta' użu skont l-Artikolu 15(1)(a) tar-Regolament Nru 207/2009 u, fit-tieni lok, qies b'mod żbaljat li l-użu ġenwin tat-trade mark Franċiża mill-applikant għal dikjarazzjoni ta' invalidità ma kienx użu tat-trade mark Franċiża relatat mal-prodotti “inalaturi”.

Rikors ippreżentat fis-16 ta' Settembru 2016 – LG Electronics vs EUIPO (Dual Edge)**(Kawża T-804/16)**

(2017/C 022/63)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż***Partijiet**

Rikorrenti: LG Electronics, Inc. (Seoul, ir-Repubblika tal-Korea) (rappreżentant: M. Graf, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem il-EUIPO

Trade mark tal-Unjoni kkonċernata: trade mark tal-Unjoni Ewropea verbali “Dual Edge” – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 14 463 178

Deċiżjoni kkontestata: deċiżjoni mogħtija fit-2 ta' Settembru 2016 mit-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO fil-Każ R 832/2016-2

Talbiet

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

Motivi invokati

Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009.

Rikors ippreżentat fis-16 ta' Novembru 2016 – IPPT PAN vs Il-Kummissjoni u REA

(Kawża T-805/16)

(2017/C 022/64)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Instytut Podstawowych Problemów Techniki Polskiej Akademii Nauk (IPPT PAN) (Varsavja, il-Polonja)
(rappreżentant: M. Le Berre, avukat)

Konvenuti: Il-Kummissjoni u L-Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka (REA)

Talbiet

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata tal-Kummissjoni;
- tiddikjara li l-Kummissjoni żbaljat meta ħarġet in-nota ta' debitu Nru 3241514040 (kif imnaqqa bin-nota ta' kreditu Nru 3233160082) u li l-ammont korrispondenti ta' EUR 67 984,13 ma huwiex dovut mir-rikorrent;
- tiddikjara li l-Kummissjoni u r-REA għandhom iħallsu lir-rikorrent taħt il-proġett SMART-NEST l-ammont ta' EUR 69 623,94 flimkien mal-interessi mid-data tad-deċiżjoni;
- tiddikjara li r-rikorrent ma għandux iħallas id-danni fil-forma ta' somma f'daqqa lill-Kummissjoni fir-rigward tal-proġetti KMM-NOE u BOOSTING BALTIC;
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu bbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorrent jinvoka seba' motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikoli 47 u 43 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea dwar aċċess ġudizzjarju u aċċess għall-Ombudsman.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq ksur tal-kuntratti għall-proġetti KMM-NOE, BOOSTING BALTIC u SMART-NEST u tal-liġi Belġjana applikabbli.
3. It-tielet motiv ibbażat fuq ksur tar-Regolament finanzjarju u tar-Regolament finanzjarju ddelegat tal-Kummissjoni.